

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Jannar 2005

dwar l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħanżir salvaġġ u t-tilqim f'sitwazzjoni ta' emerġenza ta' dawn il-ħnieżer fis-Slovakkja

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 127)

(It-test slovakk biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/59/KE)

(ĠU L 269M, 14.10.2005, p. 309)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/226/KE ta' 1-14 ta' Marzu 2005	L 272M	183	18.10.2005
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2005	L 118M	40	8.5.2007
► <u>M3</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/88/KE tat-28 ta' Jannar 2008	L 28	34	1.2.2008
► <u>M4</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/686/KE ta' 1-20 ta' Awwissu 2008	L 224	13	22.8.2008



ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Jannar 2005

dwar l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħanżir salvaġġ u t-tilqim f'sitwazzjoni ta' emerġenza ta' dawn il-ħnieżer fis-Slovakkja

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 127)

(It-test slovak b'isem awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/59/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tad-deni tal-ħnieżer li jissejjaħ klassiku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(1) u l-Artikolu 20(2) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-2004 id-deni tal-ħnieżer li jissejjaħ klassiku kien preżenti fil-popolazzjoni tal-ħanżir salvaġġ f'ċerti partijiet tas-Slovakkja. Kawża tat-tfaqqigħ tad-deni klassiku tal-ħnieżer il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet 2004/375/KE ⁽²⁾, 2004/625/KE ⁽³⁾ u 2004/XXX/KE ⁽⁴⁾ li jemendaw id-Deċiżjoni 2003/526/KE dwar miżuri ta' protezzjoni relatati mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri ⁽⁵⁾ li fasslu miżuri addizzjonali ta' kontroll tal-mard.
- (2) L-Islovakkja ġabet fis-seħħ programm intensiv sabiex tkun tista' tagħmel sħarriġ tad-deni tal-ħnieżer klassiku mal-pajjiż kollu l-aktar fiż-żoni infettati. Dak il-programm għadu għaddej.
- (3) Għalhekk, L-Islovakkja issa ssottomettiet għall-approvazzjoni pjan sabiex tikseb l-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħanżir salvaġġ lill-Amministrazzjonijiet Distrettwali Veterinarji u ta' l-Ikel (DVFA) ta' Trnava (li jinkludu d-distretti ta' Piešťany, Hlohovec u Trnava), Levice (inkluż id-distrett ta' Levice), Nitra (inklużi d-distretti ta' Nitra u Zlaté Moravce), Topoľčany (inkluż id-distrett ta' Topoľčany), Nové Mesto nad Váhom (inklużi id-distretti ta' Nové Mesto nad Váhom), Trenčín (inklużi id-distretti ta' Trenčín u Bánovce nad Bebravou) Prievidza (inklużi id-distretti ta' Prievidza u Partizánske), Púchov (inklużi id-distretti ta' Púchov u Ilava), Žiar nad Hronom (inklużi id-distretti ta' Žiar nad Hronom, Žarnovica u Banská Štiavnica), Zvolen (inklużi id-distretti ta' Zvolen u Detva), Banská Bystrica (inklużi d-distretti ta' Banská Bystrica Brezno), Lučenec (inklużi id-distretti ta' Lučenec u Poltár), Krupina kif ukoll Veľký Krtíš.
- (4) Minħabba li s-Slovakkja għandha intenzjoni li tintroduċi t-tilqim tal-ħanżir salvaġġ fid-distretti ta' Trenčín, Bánovce nad Bebravou, Prievidza, Partizánske, Zvolen, Krupina, Detva, Veľký Krtíš, Lučenec u Poltár issottomettiet ukoll għall-approvazzjoni pjan ta' tilqim għal sitwazzjoni ta' emerġenza.
- (5) L-awtoritajiet Slovakki awtorizzaw l-użu ta' tilqima kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer li tikkonsisti minn mikrobu ħaj immodifikat

⁽¹⁾ ĠU L 316, ta' l- 1.12.2001, p. 5. Direttiva kif emendata bl-Att ta' Sħubija ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 118, ta' l-23.4.2004, p. 72.

⁽³⁾ ĠU L 280, ta' l-31.8.2004, p. 36.

⁽⁴⁾ ĠU L 359, ta' l-4.12.2004, p. 61.

⁽⁵⁾ ĠU L 183, tat-22.7.2003, p. 46 kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2004/83/KE.

▼B

sabiex ma jikkawżax il-marda innifisha (tal-varjetà Ċ) għall-użu ta' tilqim tal-ħanżir salvaġġ li jingħata permezz ta' lixki orali.

- (6) Il-pjanijiet dwar l-eradikazzjoni tad-deni tal-ħnieżer li jissejjaħ klassiku fil-ħanżir salvaġġ u t-tilqim f'sitwazzjoni ta' emerġenza ta' dawn il-ħnieżer fiż-żoni speċifikati, kif issottomettiet is-Slovakkja, ġew eżaminati u nstab li huma konformi mad-Direttiva 2001/89/KE.
- (7) Għar-raġuni ta' trasparenza huwa xieraq li jiġi stipulat f'din id-Deċiżjoni iż-żoni ġeografiċi li fihom trid issir implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' l-eradikazzjoni u tat-tilqim f'sitwazzjoni ta' emerġenza
- (8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma stipulati b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjan li ssottomettiet is-Slovakkja għall-eradikazzjoni tad-deni tal-ħnieżer li jissejjaħ klassiku fil-ħanżir salvaġġ kif stipulat fil-punt 1 ta' l-Anness ġie approvat.

Artikolu 2

Il-pjan li ssottomettiet is-Slovakkja għat-tilqim f'sitwazzjoni ta' emerġenza tal-ħanżir salvaġġ kif stipulat fil-punt 2 ta' l-Anness ġie approvat.

Artikolu 3

L-Islovakkja ser tieħu, b'mod immedjat, il-passi meħtieġa sabiex tħares din id-Deċiżjoni u tippubblika dawk il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw immdejatament lill-Kummissjoni bihom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lir-Repubblika tas-Slovakkja.

▼ **M4***ANNEX*

1. **Żoni fejn il-pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer salvaġġi għandu jiġi implimentat:**

It-territorju ta' l-Amministrazzjonijiet Veterinarji u Alimentari Distrettwali (DVFA) ta' Žiar nad Hronom (inklużi d-distretti Žiar nad Hronom, Žarnovica u Banská Štiavnica), Zvolen (inklużi d-distretti Zvolen, Krupina u Detva), Lučenec (inklużi d-distretti Lučenec u Poltár), Veľký Krtíš (inkluż id-distrett Veľký Krtíš), Komárno (inkluż id-distrett ta' Komárno), Nové Zámky (inkluż id-distrett ta' Nové Zámky), Levice (inkluż id-distrett ta' Levice) u Rimavská Sobota (inkluż id-distrett ta' Rimavská Sobota).

2. **Żoni fejn il-pjan għall-vaċċinazzjoni ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħanżir salvaġġ għandu jiġi implimentat:**

It-territorju ta' l-Amministrazzjonijiet Veterinarji u Alimentari Distrettwali (DVFA) ta' Žiar nad Hronom (inklużi d-distretti Žiar nad Hronom, Žarnovica u Banská Štiavnica), Zvolen (inklużi d-distretti Zvolen, Krupina u Detva), Lučenec (inklużi d-distretti Lučenec u Poltár), Veľký Krtíš (inkluż id-distrett Veľký Krtíš), Komárno (inkluż id-distrett ta' Komárno), Nové Zámky (inkluż id-distrett ta' Nové Zámky), Levice (inkluż id-distrett ta' Levice) u Rimavská Sobota (inkluż id-distrett ta' Rimavská Sobota).